Ħarġa numru 11: Awwissu, 2013



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Qed nikteb nhar ta' Ħadd waranofsinhar. Għadni kemm qrajt ittra li ġiet ippubblikata fuq wieħed mill-ġurnali bil-Malti bħala tweġiba għal ittra oħra li xxandret ġimagħtejn ilu fejn wieħed mill-kittieba tal-lum ilmenta kontra l-fatt li anki fil-qasam tal-letteratura—bħal f'kull qasam ieħor—hemm il-misħuta ċrieki u li minħabba f'hekk hemm min igawdi kull tip ta' pubbliċità pożittiva filwaqt li oħrajn jingħataw kompletament il-ġenb jew inkella xogħlijiethom jiġu ppreżentati f'dawl ħażin minn ċerti ġurnalisti jew "kritiċi", drabi oħra anki minn akkademiċi li suppost huma serji.

Fuq dan l-iskoll ta' bejn wieħed u ieħor 33 bi 15-il km, hija realtà li taraha u tmissha b'idejk il-fatt li hemm min għandu (jew għad ikollu) ir-riħ fil-qala', u hemm min irid jaqta' bi snienu biex jagħmel ftit passi 'l quddiem. Dan japplika mhux biss għall-qasam tal-letteratura u tal-ktieb, imma għal bosta oqsma oħra fosthom il-qasam tax-xogħol, tan-negozju, tal-akkademja stess, u ta' bosta opportunitajiet oħra mfittxijin mill-bniedem.

Hawn qed nikteb dwar il-letteratura u l-ktieb. Jista' jkun hemm mitt difensur li jidher onest fi kliemu li jgħid u jikteb favur sitwazzjoni fejn f'dan il-qasam isir kollox skont kif suppost, jiġifieri skont ċerti regoli li jħarsu fuq kollox lejn il-kwalità tax-xogħol letterarju! Jista' jkun hawn mitt difensur ieħor ta' dan it-tip li jikteb u jitkellem favur l-obbligu li l-ħobż jingħata lil min jaf jomogħdu! Jista' jkun hawn mitt akkademiku, kritiku, ġurnalist jew pubblikatur liċenzjat u li jaf jomgħod il-ħobż favur l-argument li s-sitwazzjoni fil-qasam tal-letteratura u tal-ktieb miexja skont l-etika tal-kwalità u tal-livell meħtieġ!

Il-fatt jibqa' li anki f'dan il-qasam hemm min jagħtas għatsa u jiġi ppremjat jew joħloq sensazzjoni jew arah jiġi minfuħ minn magna tal-*marketing* perfetta li twassal biex dak li jikteb u jippubblika jinstema' mal-erbat irjieħ ta' dan l-arċipelagu minuskolu u, drabi, anki lil hinn. Hija magna tal-*marketing* perfetta li t-tentakli tagħha huma magħmulin minn persuni "ħbieb" f'oqsma differenti—ġurnali, televiżjoni, radju, skejjel, djar ta' pubblikazzjoni, distributuri, konkorsi, membri tal-ġurija, u premjijiet partikolari u l-bqija.

Dan ifakkarni fil-fatt li hemm spazju jew żmien partikolari meta l-vera storja tal-letteratura Maltija għad trid tinkiteb u toħroġ għad-dawl. Parti minn din tinsab diġà ppubblikata f'kotba li sfortunatament ma gawdewx il-gidma, il-palat jew l-aptit ta' "dawk li jafu jomogħdu l-ħobż", filwaqt li parti oħra għadha fid-dlam tal-kexxun ittajpjata f'manuskritti li m'għaddewx mill-eżami ta' "min jifhem" jew saħansitra miktuba bl-id ta' dawk li għax jafu l-vera sitwazzjoni kif inhi llum ippreferew iħallu xogħolhom fid-dlam. Dan jeħtieġ ħin, serjetà u oġġettività ta' vera.

# L-AĦBARIJIET

**RESTAWR TAL-VOLUM FEJN TINSAB IL-*KANTILENA* TA' CAXARO**

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2013, fil-Palazz tal-Verdala, ttellgħet lejla apposta fejn tfakkar Patri Mikiel Fsadni li miet f'April li għadda u li flimkien mal-Prof. Godfrey Wettinger skopra l-eqdem poeżija bil-Malti fl-1966, il-*Kantilena*. Waqt din l-istess serata ġie ċċelebrat ir-restawr fuq il-volum li fih jinsab dan l-istess xogħol bikri. Ix-xogħol tar-restawr ġie sponsorjat mill-Akkademja tal-Malti u sar minn Dr Theresa Zammit Lupi. Waqt il-Lejla Dr Zammit Lupi tkellmet dwar id-dettalji ta' kif sar ir-restawr, Dr Martin Zammit qara l-*Kantilena*, u Ruben Zahra daqq mużika folkloristika.

**RIVISTA ĠDIDA DWAR L-ISTUDJU TAL-BAROKK**

L-Istitut Internazzjonali għall-Istudji Barokki tal-Università ta' Malta ħareġ l-ewwel ħarġa tar-rivista *The Journal of Baroque Studies*, editjat mill-Prof. Frans Ciappara. Huwa magħmul minn sitt artikli miktubin minn professuri differenti ġejjin minn universitajiet varji, li jiddiskuti suġġetti marbutin ma' politika, reliġjon, storja u mużika, fost oħrajn. Fl-istess rivista hemm taqsima ddedikata għar-reċensjonijiet dwar għadd ta' kotba.

**MONOLOGU DWAR IL-ĦAJJA TA' CARAVAGGIO**

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, fil-Bitħa ta' Rikkardu, iċ-Ċittadella, Għawdex, il-kumpanija Talenti reġgħet ippreżentat Il-ħajja mqallba u xokkanti ta' Michelangelo Merisi, magħruf bħala Caravaggio. Oriġinarjament dan il-Monologu nkiteb minn Alfred Palma u protagonist f'din il-produzzjoni kien Mario Micallef.

**JOĦROĠ NUMRU IEĦOR TA' *IL-MALTI***

Għadha kemm ħarġet mill-Akkademja tal-Malti l-ħarġa letterarja numru LXXXIV 2012 tar-rivista *Il-Malti*. F'din il-ħarġa wieħed jista' jaqra numru mdaqqas ta' poeżiji u anki siltiet ta' proża minn membri tal-istess Akkademja (u anki minn kittieba li mhumiex membri). Fl-aħħar parti wieħed isib ukoll xi traduzzjonijiet għall-Malti ta' xogħlijiet ta' kittieba barranin bħal Russell Davis u William Shakespeare. Din il-ħarġa għandha wkoll Editorjal miktub mill-President tal-Akkademja, Carmel Azzopardi.

**PROĠETTI DIFFERENTI MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)**

L-Għaqda tal-Malti (Università) nediet numru ta' proġetti. Wieħed minnhom hu dwar il-kitba kreattiva għaż-żgħażagħ 'Taħżiż' b'kollaborazzjoni mal-Aġenżija Żgħażagħ <www.agenzijazghazagh.gov.mt> u Fondazzjoni AWL <www.fondazzjoniawl.org>. Fis-seminars (26, 27 u 28 ta' Lulju) il-kittieba ltaqgħu u għamlu tlett ijiem ta' kitba intensiva b'taħriġ speċjalizzat u professjonali.

Nhar it-Tnejn, 29 ta' Lulju, fit-8 ta' filgħaxija, fis-sala Sir Temi Zammit ġewwa l-Università, intwera l-film "Fight Club", għall-ewwel darba, bis-sottotitli Maltin. Wara l-film, l-Għaqda tal-Malti organizzat intervista mmexxija mill-Professur Charles Briffa lil Simon Cassar u lill-Professur Toni Aquilina, l-imħuħ wara t-traduzzjoni tas-sottotitli Maltin għall-film barrani. L-intervistati tkellmu dwar minn fejn oriġinat din l-idea u x-xogħol li kien involut biex twettqet; it-traduzzjoni tas-sottotitli għall-films; u x'inhuma l-isfidi u s-sodisfazzjon li ġġib magħha biċċa xogħol bħal din?

**IMUT AWTUR SKOĊĊIŻ**

Nhar id-9 ta' Ġunju 2013 miet l-awtur Skoċċiż Iain M. Banks fl-età ta' 59 sena wara li xahrejn qabel qal pubblikament li kellu kankru terminali. Iain Banks jibqa' magħruf l-aktar għall-ewwel rumanz tiegħu *The Wasp Factory* li ħareġ fl-1984, u rumanzi oħra bħal *The Crow Road* u *Complicity*. Kien ukoll kittieb ta' rumanzi *science fiction*. L-aħħar rumanz tiegħu jismu *The Quarry*.



**Kull min jixtieq jikteb lill-Editur jista' juża l-indirizz: sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

**PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU MILL-GRUPP LETTERATURA MALTIJA**

Ftit xhur ilu waslitli kopja tal-ktejjeb *Programm Mużiko-Letterarju—Il-Ħadd, 23 ta' Settembru, 2012.* Dan hu ktejjeb li ħareġ ukoll biex ifakkar it-33 sena mit-twaqqif ta' dan il-Grupp magħmul minn Maltin li jgħixu fl-Awstralja u li żammew ħajja l-ilsien u l-letteratura Maltija daqstant 'il bogħod minn art tweildhom. F'din il-pubblikazzjoni nsibu versi ta' Joe Saliba, Lou Drofenik, Marie-Louise Anastasi, Paul Vella, Nazzarenu Zerafa, Larie Armato, Maria Catania, Fr Dom Degiorgio, Frank Bonett, Michael Xuereb, Albert Agius, u żewġ kitbiet ta' Victor E. Sammut u Ġużi Camilleri. Il-ktejjeb huwa mżejjen ukoll b'għadd ta' ritratti bil-kulur li juru lil dawn il-Maltin ħutna f'mumenti differenti waqt din l-okkażjoni soċjali li ssir darba fis-sena f'Parkville. Minn hawn insellmulhom.




**L-GĦAQDA FILANTROPIKA TALENT MOSTI TAGĦLAQ 30 SENA**

Proprju din is-sena l-Għaqda Filantropika Talent Mosti qed tfakkar it-30 sena mit-twaqqif tagħha. Illum din l-Għaqda għandha ċ-ċentru tagħha fir-Razzett tal-Markiż Tabone, meqjus bħala Ċentru Nazzjonali Kulturali. Biex tfakkar dan l-anniversarju l-Għ.F.T.M. ħarġet i-ktieb *Infakkru l-Passat—Niċċelebraw il-Ġejjieni biex tkompli l-istorja*. Hija pubblikazzjoni miżgħuda ritratti bil-kulur u tagħrif dwar l-attivitajiet differenti li tellgħet matul is-snin. Mhux l-ewwel darba li dan iċ-Ċentru Nazzjonali Kulturali organizza lejliet mużiko-letterarji fejn ġew mnedija kotba, inqraw poeżiji u l-pubbliku seta' jiltaqa' ma' kittieba differenti. L-istess ċentru jtella' regolarment bosta wirjiet ta' natura differenti fejn jiġu esposti t-talenti kemm ta' Maltin kif ukoll ta' barranin. Minn hawn prosit tassew lit-*team* li jieħu ħsieb dan iċ-Ċentru u l-attivitajiet li jittellgħu fih.

**IL-FESTIVAL INTERNAZZJONALI TAL-LETTERATURA F'RUMA 2013**

Din is-sena dan il-Festival (it-XII-il edizzjoni) seħħ bejn il-11 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju u kien ispirat mid-diskors li ma jintesa qatt "I Have a Dream" ta' Martin Luther King li 50 sena ilu għamel fil-Lincoln Memorial f'Washington. Il-Festival sar fil-Basilika ta' Massenzio fil-Forum ta' Ruma u kellu t-tema "I had a dream... Dreamers' tales turning real". Fost il-kittieba mistednin li ddeskrivew il-ħolm tagħhom permezz tal-letteratura kien hemm Edward St Aubyn mill-Ingilterra; Jennifer Egan u Scott Hutchins mill-Amerka; Edwidge Danticat mill-Haiti; is-Sirjana li toqgħod Pariġi, Maram Al-Masri; it-Taljana li toqgħod Londra, Simonetta Agnello Hornby; Clara Usòn u Alicia Giménez Bartlett minn Spanja; l-Italo-Iranjana Farina Sabahi; u Ferdinando Scianna, Emanuele Trevi, Chiara Gamberale, Eraldo Affinati, Fulvio Ervas, u l-kittieb anti-Mafja Roberto Saviano, kollha mill-Italja.




**(Fir-ritratti jidhru Edward St Aubyn u Edwidge Danticat)**

**KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "MONS. A. BUONTEMPO" 2013**

Fetaħ il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija li l-Għaqda Poeti Maltin torganizza kull sena. Jibqa' miftuħ sal-20 ta' Awwissu. Ir-regolamenti jinsabu fil-ħolqa: http://ghpm.blogspot.com/2013/07/konkors-nazzjonali-tal-poezija-mons.html

# L-INTERVISTA Godwin Ellul

***Godwin Ellul twieled l-Imtarfa fl-1959. Studja l-Amministrazzjoni Pubblika, in-Negozju u l-Industrija fl-Universitajiet ta' Malta, ta' Warwick u ta' Bradford. Huwa għalliem. Kien viċi-president tal-Għaqda Poeti Maltin u editur ta'* VERSI*. Jikteb poeżiji (li xi wħud huma miġburin f'*Ilħna ta' Qalb Imnikkta *(2008) u huwa traduttur ta' xogħlijiet letterarji mill-Malti għall-Ingliż, u minn ilsna barranin għall-Malti.***

**Kif tirrikonċilja l-attività tiegħek ta' għalliem ma' dik ta' traduttur u poeta u/jew liema jistgħu jkunu l-punti ta' kuntatt bejn il-qasam tat-tagħlim u dak tat-traduzzjoni u tal-poeżija?**



Nibda biex ngħid li l-letteratura hija dimensjoni li tħaddan varjetà immensa tal-ħajja. Il-letteratura mhux biss tedukak imma wkoll timmaturak. Dak kollu li int titgħallem mill-qari tal-letteratura huwa dejjem utli biex tapplikah fil-ħajja ta' kuljum. Din hija r-relazzjoni li nara - illi mela l-letteratura tagħmlek bniedem aħjar u allura għalliem aħjar.

Irrid ngħid ukoll li t-traduzzjoni, bħall-poeżija, tagħtini wkoll ċertu serħan u ferħ. Imma dik fuq bażi personali aktar milli professjonali.

**Inti għamilt snin twal attiv fi ħdan il-Għaqda Poeti Maltin (anki bħala viċi-president), kont editur tar-rivista VERSI u ktibt ukoll poeżiji bil-Malti u anki bl-Ingliż. Liema huwa l-qasam li jagħtik l-akbar sodisfazzjon minn dawn kollha?**

Il-kitba tal-poeżija għalija hija attività importanti. Bħala volum ta' poeżiji jien forsi b'xorti ħażina ma tantx nikteb poeżiji, mhux għax ma jiġunix versi f'moħħi jew fil-ħsus ta' qalbi, imma nħossni tqil biex naqbad il-pinna u nniżżel ħsibijiet. Għalhekk b'xorti ħażina, ħafna poeżiji mietu fuq xufftejja. Madanakollu, meta vers jew versi jew ħsibijiet nibqa' niftakarhom, mela dak huwa mument li ma nistax naħarbu u rrid jew ma rridx ikolli nikteb dawk il-versi. Ħafna drabi mbagħad inħossni kuntent illi ktibthom imma mhux neċessarjamanet li nerġa' nirrikori għalihom. Iżda dawn il-mumenti uniċi bil-mod il-mod jinġemgħu f'għadd ta' poeżiji li jista' jkun 'il quddiem ikunu ppubblikati.

Iż-żmien li jien għamilt kemm bħala viċi-president tal-Għaqda Poeti Malti u anke editur tar-rivista VERSI kien żmien sabiħ u ta' sfida. Dak ta' editur huwa xogħol partikolari u interessanti fejn inti tiftaħ tieqa għal ħafna xogħlijiet ta' awturi differenti biex dawn jitgawdew mill-qarrejja.

**Dwar il-poeżija tiegħek: inti tippreferi fuq kollox is-sempliċità fuq livell ta' lessiku u xbieha, jew int favur il-poeżija ermetika li tinftiehem mill-ftit? Għaliex dan?**

Jien nemmen f'poeżija universali. Il-kliem li nuża huwa apposta sempliċi u nemmen li aktar ma jkun sempliċi fuq temi ċkejknin li kulħadd jista' jarahom u jmisshom aktar aħjar. Il-gwaj huwa li dawn l-affarijiet il-ħin kollu jdawruna u aħna tant aħna aljenati li ma nagħtux kashom. Mela l-poeżija tiegħi tfittex li tikxef dawn it-teżori moħbijin imma li fil-fatt huma fil-qabda ta' kulħadd. Dan l-aħħar bl-elezzjoni tal-Papa l-ġdid Franġisku reġgħet telgħet fil-wiċċ il-filosofija Franġiskana. X'għamel lil San Franġisk kbir? Is-sempliċità, ix-xejn. Dak li kien jara Franġisku u dak li għadna naraw illum għadu jarah kulħadd però mhux kulħadd jidħol fil-qalb tal-misteru tas-sempliċità. Is-soluzzjoni tinsab f'idejna u ma nafux.

Jien naħseb li l-poeżija li ma tiftihemx mhix poeżija. Il-poeżija qiegħda hemm biex tiftiehem anke jekk tinbet mill-qigħan kkumplikati tal-qalb, tar-ruħ u tal-moħħ. Poeżija li ma tiftihemx ma tistax tillumina, ma timlikx. Jista' jkun li ġġiegħlek tistaqsi ħafna mistoqsijiet imma hekk ukoll is-sempliċità u l-universalità tal-poeżija.

**(Il-verżjoni sħiħa tal-intervista tista' tinqara f'din il-ħolqa: http://patrickjsammut.blogspot.com/2013/07/intervista-mal-kittieb-u-traduttur.html )**

# IT-TRILOĠIJA "HEKK TĦABBAT IL-QALB MALTIJA"

**Oliver Friggieri**

### Bejn l-imgħoddi u l-preżent—kumment tal-awtur




Alla waħdu jagħti sens lill-eżistenza. Neżistu kuntenti jekk nafu għalfejn u għaliex. Il-preżenza tiegħu tinħass f'żewġ direzzjonijiet: ir-riflessjoni loġika, u r-rivelazzjoni. Is-sens komun iwassalna għandu, u r-rivelazzjoni tagħtina prova storika. Il-Knisja Kattolika hi wirt tal-ogħla kultura dinjija, hi l-qofol tal-identità nazzjonali Maltija, u hi l-istituzzjoni li tista' tgħaqqad l-aktar lill-poplu Malti kollu, anki politikament. Is-saċerdot Malti hu l-benefattur ewlieni tas-soċjetà Maltija matul bosta sekli, inkluż il-preżent. M'hemmx tradizzjoni ħajja mingħajr modernità, u m'hemmx modernità f'saħħitha mingħajr tradizzjoni. It-tama tal-bniedem quddiem l-isfida tat-tbatija u tal-mewt hi Sidna Ġesù Kristu. Ammirazzjoni lejn Kristu bħala bniedem kolossali tinvolvi bilfors fidi fih bħala Alla, il-qofol ta' kulma qal u għamel il-ħin kollu. Jistgħu dawn il-ħsibijiet kollha jingħataw il-forma ta' rumanz? Din hi l-istorja kollha tal-ktieb *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija*.

### Alla mill-ġdid fiċ-ċentru tal-kultura

Dawn il-ħsibijiet kienu f'moħħi jien u nikteb it-triloġija *Hekk Tħabbat il- Qalb Maltija*, magħmula mit-tliet rumanzi *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri, La Jibbnazza Niġi Lura* u *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port*. Matul it-tnax -il sena sħaħ (1998-2010) li għaddejt nikteb dawn it-tliet rumanzi, ippruvajt nara kif nista' nsarraf sett ta' konklużjonijiet f'sensiela ta' ġrajjiet li jiffurmaw rumanz, anzi triloġija, tliet rakkonti marbutin flimkien li jikkostitwixxu rakkont twil wieħed.

Ridt nuri li l-bniedem ma jistax jgħaddi mingħajr l-appoġġ, il-garanzija tat-twemmin f'Alla. Mingħajr Alla l-ħajja hi insopportabbli. Alla huwa anki kuntratt politiku, eżistenzjali, psikoloġiku: huwa jserraħ ras l-umanità li l-umanità ma hix biss organiżmu msejken, patetiku, destinat li jgħix b'mod jew b'ieħor għal ftit snin biex jintrema bħala oġġett moqżież taħt l-art. Il-futur tiegħu mhuwiex l-art imma s-sema. Din hi kwistjoni politika li tinteressa lil kulħadd.

Inqdejt b'karattru ta' saċerdot tipikament Malti, Dun Grejbel (diminuttiv ta' Grabiel bil-Malti), raġel sempliċi u twajjeb, kbir sal-punt li jitla' hu wkoll sal-Golgota waħdu, bħala saċerdot konvint sa l-aħħar. Il-kruċifissjoni tiegħu hi t-tkomplija tal-kruċifissjoni ta' Kristu nnifsu, u l-paralleli mal-ġrajja evanġelika huma evidenti. Malta forsi tinsab fil-punt kruċjali li tagħraf li hemm tradizzjoni twila waħda li hi, Knisja u partiti u poplu, ma tistax tarmi. Hi stedina lura lejn is-sens komun - qabel ma jkun tard wisq.

Jekk hemm mara żagħżugħa li ħarġet tqila qabel iż-żmien (Susanna), u jekk hemm mara xwejħa, nanna (Katarina) li qiegħda tbati biex issalva struttura familjari sħiħa qabel ma tikkollassa, u jekk hemm missier (Saverju) riġidu, iebes, li jemmen fit-tradizzjoni bil-qilla tiegħu kollha... dawn huma biss karattri li forsi jlaħħmu lill-karattri l-aktar tipiċi tas-soċjetà Maltija. Hi soċjetà li tagħmel parti mit-tarf tas-Sud Ewropew.

### Insalvaw l-għeruq tagħna lkoll

L-għeruq tagħna lkoll (Nazzjonalisti u Laburisti) ma humiex atei, lanqas lajċi, lanqas anjostiċi. L-għeruq huma realtà li xi ħadd isibha lesta. Hi t-tradizzjoni, il-ħamrija li hi d-dar tal-għeruq. Trid teqred l-għeruq? Kollox sew – imma m'hu se jibqagħlek xejn. Din il-logħba fatali forsi hi l-fażi politika li Malta tinsab għaddejja minnha bħalissa. Hemm patrimonju morali, kulturali, reliġjuż ta' bosta sekli li qiegħed jintrema.

Jien deherli, matul mhux inqas minn tnax-il sena sħaħ, li kelli nistudja u ninterpreta din is-sitwazzjoni kumplessa kollha, bis-saħħa ta' rumanz twil, li jinkorpora kollox. Fuq naħa, naf li hemm konklużjonijiet xjentifiċi li jikkonfermaw dan kollu; fuq in-naħa l-oħra, nifhem li rumanz hu l-aħjar mod kif veritajiet xjentifiċi jistgħu jitwasslu għand numru kbir ta' nies. Rumanz hu għasfur li jtir fit-tul u jimraħ kullimkien. Naf.

# L-UMORIŻMU FIL-KITBA

Charles Casha

**Lura minnufih lejn l-għeruq: saċerdoti u żgħażagħ**

Bit-trilogija ta' *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* qiegħed nittama li nagħti s-sehem tiegħi biex il-qofol essenzjali Malti jerġa' jsir iċ-ċentru tal-kultura Maltija kollha, u mhux sempliċiment tal-kompartiment letterarju. Qiegħed nittama li din l-istedina tasal għand żewġ kategoriji tas-soċjetà Maltija: is-saċerdoti u ż-żgħażagħ. Dan ir-rumanz hu miktub qabelxejn biex juri kemm hu kbir il-kontribut uman, soċjali, morali, li jagħti s-saċerdot Malti. Nippretendi li dan ir-rumanz jiswa biex irodd lura xbieha sana, sublimi tas-saċerdot Malti, anki bħala sempliċi ċittadin – speċjali.

**Jekk iż-żgħażagħ ma jsalvawx lill-Knisja issa**

Jekk fl-uragan Malti ta' bħalissa ma nsalvawx lill-Knisja, il-qofol tal-Istorja daqskemm il-bażi taċ-ċertezza psikoloġika nazzjonali, il-konsegwenzi huma kollha prevedibbli. Il-vittmi huma t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna li se jirtu pajjiż imċaħħad mill-punti tar-riferiment, miċ-ċertezzi, mill-garanziji li lill-ġenerazzjoni tiegħi u ta' warajja tawha sens ta' futur.

Jekk ma nsalvawx lill-Knisja minnufih, se jerġa' jkollna lil Malta deżert. In-Nisrani, il-Kattoliku konvint jemmen li t-triq tal-futur hi t-triq lura. B'dan ir-rumanz jien nixtieq inwassal dan il-messaġġ liż-żgħażagħ, l-aktar lil dawk li qegħdin jistudjaw.

**Veru li hija ħaġa faċli li wieħed idaħħal l-UMORIŻMU fil-kitba tiegħu?**

L-ewwelnett wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn diversi tipi ta' umoriżmu. Hemm umoriżmu li kapaċi jdaħħak bid-difetti fiżiċi li wieħed jista' jkollu. Hemm umoriżmu li jaf joħloq u jisfrutta sitwazzjoni li tista' tinqala' fil-ħajja ta' kuljum u hemm umoriżmu li huwa iktar intelliġenti u forsi jappella għal ċerti qarrejja. Sintendi hemm aktar tipi ta' umoriżmu li jvarjaw skonT il-kultura, id-drawwiet u l-lingwa tal-pajjiż. Imma ma naħsibx li huwa daqshekk faċli li kittieb idaħħal l-umoriżmu fil-kitba tiegħu u jilħaq l-iskop li jkollu f'rasu. Bħal kull qasam ieħor fil-kitba din hija xi ħaġa li teħtieġ sengħa u esperjenza Jekk inħarsu lejn l-umoriżmu użat minn Fr. Born u dak użat minn Ġwann Mamo f'*Ulied in-nanna Venut* naraw li hemm differenza kemm fil-mod u l-iskop li għalih dawn iż-żewġ kittieba bravi għamlu użu qawwi mill-umoriżmu fil-kitba tagħhom.

Imbagħad ta' min isemmi l-umoriżmu li juża Oliver Friggieri fil-ktieb tiegħu *Fil-gżira taparsi jikbru l-fjuri* li huwa differenti minn dawn li semmejna. Hawnhekk l-awtur jinħeba taħt l-umoriżmu biex iwassal il-karba tiegħu għax jixtieq jara art twelidu aħjar milli hi. Ma nistax ma nsemmix żewġ awturi oħra li huma magħrufa għall-umoriżmu fil-kitba tagħhom. Wieħed huwa Sir Temi Zammit li jqaxxar il-ħajja tar-raħħal Malti u Tusè Costa li, influwenzat minn Boccaccio, ħoloq il-karattru simpatiku ta' *Dak l-imbierek ta' Kappillan*.






Mix-xellug għal-lemin: Oliver Friggieri, Temi Zammit, Ġwann Mamo u Wistin Born.

# IL-POEŻIJI

**ĦOLMA**

Il-kwiekeb għabu u l-għodwa qed tifrex dawl is-sebħ ħamrani fuq is-sodda.

Għasfura ħdejn it-tieqa tgħanni, tħallimni bik u nħoss li int tgħannaqni.

U jien nofs rieqda nofs imqajma qed immidd idejja ħalli nfittxek ħdejja

Peró

Ma jkun hemm ħadd…

U demgħa taħraq tal-imħabba qed tinżel siekta fuq l-imħadda,

Nixtieq dil-ħolma ma tispiċċa qatt…

**YANA PSAILA**

**FJAMMA**

Tgħid għad il-fjamma
tibqa' tixgħel
biex tagħti ftit tal-wens?

Tgħid għad il-fjamma
tibqa' toffri
dawl sod lil dan il-ġens?

Tgħid għad il-fjamma
tibqa' ħajja
f'xi siegħa dlam inċens?

**ĠORĠ BORG**

**100.**

Jekk dan hu bieb lejn dak li lanqas jidher,
Irrid insir bħat-tfal biex nibda nifhem,
U stajt iffrankajthieli wkoll dil-qatra
U l-kalċi tal-imrar li kelli nibla'
Ghax issa l-aħħar qatra biss kien baqa'.
U ridt twassalni s'hawn, sa fuq ix-xifer,
U nistaqsik imbagħad: x'ħadt minn dan kollu?
Jekk inti trid, mistur se tibqa' u moħbi,
Imkebbeb ġewwa sħaba ta' misteri.
Biss, nibqgħu ma nistgħux taħt saqaf wieħed,
It-tnejn flimkien mingħajr lanqas nitkellmu.
Jien nagħmel bħat-tarbija li f'ġuf ommha,
Tintebaħ b'dak li hemm lilhinn mill-bejta:
U inti arlekin ta' elf misteru.

**ALFRED GRECH**

**ĦAJKU**

Il-ġisem mhux bħall-inbid;
meta jiqdiem biż-żmien
jeħżien mhux jitjieb.

**JOE SANT**

**ZONI**

My village, you are small, picturesque, hamlet
in the edge of Gortynia.
My eyes fill with tears when I look at you,
I mourn for the devastation
that I see everywhere, when I see your houses,
wandering in your streets.
Your vineyards have become barren,
your olive trees don't bear fruit
and in your yards flowers do not bloom
in the flower pots.
It was, in the past, the blessed years,
when all your windows were wide open.
Now, my beautiful village, your roads are closed
and a small number of villagers walk in your places.
Bitter memories in my mind
and how can I heal them?
But I wish you, my village Zounati, to come to life
[again.
To open your houses again, make your yards green
and fill your streets with children's voices.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***DR. JOE ABELA—ĦAJTU U ĦIDMIETU* ta' Joe Axiaq, Maltese Literature Group, 2012.**

Dan hu ktejjeb ta' 45 paġna  dwar dan il-Malti li twieled f'Ħaż-Żabbar biex tal-età ta' 21 sena emigra lejn l-Awstralja. Joe Abela ħadem qatigħ biex imexxi 'l quddiem il-kultura u l-lingwa Maltija fl-Awstralja. Daħħal it-tagħlim tal-Malti f'livell sekondarju u terzjarju, u l-Malti bħala lingwa fin-*National Accreditation Authority for Translators and Interpreters.* Kien il-pijunier tax-xandir bil-Malti fil-Victoria u stinka biex jippromwovi l-kitba u l-letteratura Maltija tant li fl-1982 waqqaf il-*Maltese Literature Group*. Dan kollu naqraw dwaru f'dan il-ktejjeb maqsum fi ħmistax-il parti u miktub mill-pinna sinċiera u riċerkata ta' Joe Axiaq, anki huwa emigrant u kittieb ta' novelli, poeżiji u ta' kitba ta' riċerka.




***IFHEM... U WIEĠEB...* ta' Alfred Camilleri, De La Salle Brothers Publications, It-Tieni Edizzjoni, 2011.**

Dan huwa ktieb li jipprepara lill-istudent li sejjer jagħmel l-eżami tal-Malti SEC f'dak li għandu x'jaqsam mat-taħriġ il-fehem. Kull silta ta' taħriġ il-fehem għandha għan doppju: li tittestja l-intelliġenza tal-istudent; u li dan juri fit-tweġibiet tiegħu li jkun fehem sewwa l-ħsieb tas-silta mogħtija. Il-ktieb jindirizza żewġ nuqqasijiet komuni fost l-istudenti. L-ewwel nuqqas huwa meta l-istudenti jaqbdu jwieġbu l-mistoqsijiet mingħajr ma jkunu qraw tajjeb is-silta. In-nuqqas l-ieħor min-naħa ta' ħafna studenti hu li ma jipprattikawx biżżejjed il-grammatika li jkunu saru konxji tagħha tul is- snin tagħhom fl-iskola. F'dan il-ktieb l-istudenti sejrin jiltaqgħu ma' siltiet li se jlaqqgħuhom ma' mhux anqas minn għaxar suġġetti differenti tal-grammatika Maltija.




***RUŻAR BRIFFA—IL-POEŻIJA TAT-TBATIJA B'RIFERENZA GĦAL ALFRED DE VIGNY* ta' Karmenu Mallia, 2013.**

Billi din is-sena qed jitfakkar il-50 anniversarju mill-mewt tal-poeta Rużar Briffa, Dr Karmenu Mallia ħaseb li joħroġ dan il-ktejjeb ta' 24 paġna li oriġinarjament kien esej li nkiteb bl-Esperanto u deher flimkien ma' esejs ta' awturi esperantisti oħrajn fil-*Festlibro de A al B/por Andrè Albault*, ippubblikat mill-Edition Iitis, Franza. Din il-pubblikazzjoni hija mżewqa b'għadd ta' ritratti, tikxef numru ta' karatteristiċi tal-poeżija tat-tbatija ta' Rużar Briffa mqabbla ma' elementi li jsawru l-poeżija tal-poeta Franċiż, Alfred De Vigny (1797-1863). Dan huwa xogħol ieħor bil-Malti li jkompli jsaħħaħ il-qasam tal-kritika tal-letteratura komparata, miktub minn bniedem li huwa mħarreġ sewwa kemm fl-ilsna kif ukoll fl-istorja tal-letteratura Ewropea. Kull min jixtieq jakkwista kopja tal-ktejjeb jista' jikteb direttament lill-awtur fl-indirizz: lavojo@maltanet.net